# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2578

**Kaz Numru 3269/CC** | **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**George Borg (ID Nru. 423661(M))**
**u**

**Ultimate Technology Limited (C 50375)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta**

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 6 ta' Marzu, 2019**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant George Borg fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar t-2 ta' Settembru, 2014, fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impieg tieghu ma kinitx wahda valida 'ai termini' tal-ligi. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg kienet ghal raguni gusta.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm ghoxrin (20) seduta fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

George Borg li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assitenza ta' Dr Marie Elise Agius.

Ultimate Technology Limited., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata minn Stephen Smith, assistit minn Dr James D'Agostino.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

Dan il-kaz jinkwadra relazzjoni ta' mpjieg tal-Appellant ma' kumpanija li timmanifattura vetturi tat-trasport amfibji. L-Appellant kien ingaggat bhala '*fitter*'. Id-durata tal-impjieg tieghu kienet mit-3 ta' Jannar, 2013, sat-12 ta' Marzu, 2014.

Il-*Managemen*t tas-Socjeta' ntimata jghid li wara sensiela ta' twissijiet verbali u anke bil-miktub konnessi m'allegati nuqqasijiet varji, l-Appellant safa mkecci.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Stephen Smith** xehed li huwa d-Direttur tas-Socjeta' ntimata. Qal li huwa jaf lill-Appellant bhala mpjegat tas-Socjeta' u dan fid-durata tal-impjieg tieghu minn Jannar 2013 sa Marzu 2014. Qal li l-Appellant kien impjegat bhala *mechanical fitter*, izda minhabba c-cokon tal-kumpanija huwa kien flessibbli fid-doveri. Spjega li l-kumpanija tibni *amphibious vehicles* u x-xoghol principali tal-Appellant kien li jinstalla l-magni u apparat mekkaniku iehor.
Ix-xhud wara ghadda sabiex jaghti dettalji ta' x'wassal sabiex lill-Appellant jinhariglu l-ewwel *written warning*. Qal li fi Frar 2013, l-Appellant kien talab permess sabiex ikun jista' jdahhal dghajsa personali tieghu fil-*premises* tal-Kumpanija. Kompla x-xhud li f'Marzu 2013 waqt li huwa kien imsiefer, missieru li kien qed jaghmilha ta' *Acting Manager* fl-assenza tieghu kien qabad lill-Appellant jaghmel xoghol fuq id-dghajsa tieghu waqt il-hin tax-xoghol. Ix-xhud stqarr li dan il-fatt kien ikkonfermat lilu meta tkellem ma' Norman David Tabone u ma' Joseph Sultana. F'dan il-kuntest ix-xhud qal li l-impjegati jinghatalhom permess ipoggu dghajjes taghhom fil-*premises* tal-kumpanija bhala 'ipparkjar' u anke jinghataw permess jaghmlu xoghol fuqhom u fuq il-vetturi taghhom basta dan ikun barra l-hin tax-xoghol. Dwar dan il-kaz ix-xhud qal li l-appellant kien inghata *verbal warning*.
Ix-xhud kompla li f'Novembru 2013, huwa kien ircieva diversi lmenti minghand impjegati ohra dwar l-imgieba tal-Appellant fejn gie mgharraf li l-Appellant ghandu problemi ta' attitudni. Ix-xhud spjega kif dwar dan kien rega' wissa verbalment lill-Appellant u qallu li din is-sitwazzjoni trid tigi ndirizzata.
Ix-xhud kompla li f'Jannar 2014, minhabba negligenza 'da parti' tal-Appellant giet ikkagunata hsara fi hgiega ta' vettura li kienet qed tinbena u li tiswa €2000. Dan gie kkagunat minhabba li meta l-Appellant kien qieged jiwweldja ma ghattiex il-hgiega riferuta. Ix-xhud ipprezenta kopji ta' ritratti li kienu juru certu mankanzi min-naha tal-Appellant waqt l-ezekuzzjoni ta' xoghlu u ta b'mod

elaborat spjegazzjonijiet tekinici dwarhom anke fuq mistoqsijiet li sarulu waqt il-kontro-ezami. Tali ritratti tal-vettura li kien hadem fuqha l-Appellant lejn Dicembru 2013, kienu ngibdu fl-Indja minn rapprezentant tal-Aamby Valley l-klijent.
Ix-xhud qal li qabel ma l-vettura kienet telqet minn Malta ghall-Indja kienet iccertifikata minn *surveyor of ships*. Ix-xhud qal li kagun ta' dawn id-deficenzi huwa u t-*team* tieghu kellhom imorru l-Indja fejn ghamlu gimgha sabiex irrangaw id-difetti. Ix-xhud qal li meta kien ikun prezenti fuq ix-xoghol huwa kien jaghmel supervizjoni tax-xoghol.
Ix-xhud kompla li fl-14 ta' Jannar, 2014, l-Appellant hareg fuq 4 gimghat *sick leave* minhabba li kien ghamel operazzjoni. Irritorna ghax-xoghol ghal ftit sieghat wara 6 gimghat, fejn rega' hareg fuq *sick leave* ghal gimgha / gimghatejn ohra. Ix-xhud spjega li filwaqt li l-ewwel erba' gimghat kienu koperti b'certifikat mediku, l-perjodu ta' wara ma kienx iccertifikat.
Ix-xhud kompla li meta fi Frar 2014 l-Appellant irritorna lura ghax-xoghol, is-sitwazzjoni kompliet tiddeterjora, fejn l-Appellant kien ifalli, kien jitlaq minn fuq ix-xoghol bla permess. Ix-xhud kompla li f'dawn ic-cirkostanzi l-Appellant inghata tlett twissijiet verbali ohra, fejn fir-rigward ta' l-ahhar twissija li kienet inghatatlu minn missieru, l-Appellant kien imwissi aktar minn darba li jekk dawn in-nuqqasijiet ser ikomplu ser ikun ifisser it-tmiem tal-impjieg tieghu. Ix-xhud qal li dawn it-twissijiet verbali kienu nghataw lill-Appellant fil-presenza ta' missieru u ta' Norman David Tabone.
Ix-xhud irrakkonta kif lejn Awwissu 2013, kien ittenda li waqt li huwa ma kienx ikun fuq il-lant tax-xoghol, l-Appellant kien gab lil ibnu ta' xi sentejn fuq ix-xoghol ghal xi jumejn jew tlett ijiem konsekuttivi. Dwar dan kien intqal lill-Appellant sabiex jieqaf igib lil ibnu minhabba li dan kien ambjent perikoluz u mhux addattat ghat-tfal. Meta mistoqsi waqt il-kontro ezami, x-xhud qal li ma jiftakarx li f'xi data fl-2014, l-Appellant kien qallu li ried jillarga minn fuq ix-xoghol ghaliex ried jiehu lil ibnu l-*parents day*. Ix-xhud qal li bejn Marzu 2013 u Marzu 2014, l-Appellant ta' l-anqas inghata sitt twissijiet verbali.
Meta kontro-ezaminat ix-xhud qal li ma jiftakarx li xi darba kien ta' ordni lill-Appellant sabiex inaddaf xi *debris* bil-ghan li jigi evitat xi periklu ghal haddiehor. Ix-xhud qal li fil-perjodu li l-Appellant kien impjegat kienet tlestiet *'bus'* wahda. Huwa spjega li minn meta jaslu l-parts kollha, *'bus'* titlesta fi tnejn u tletin gimgha. Pero' qal li l-*bus* li tlestiet meta l-Appellant kien impjegat kienet hadet sittin gimgha.

**George Smith** xehed li huwa investitur fil-kumpanija u li jassumi r-reponsabilitajiet t'ibnu li huwa d-Direttur tal-kumpanija meta dan ikun imsiefer. Ix-xhud qal li jaf lill-Appellant peress li jahdem mas-Socjeta' ntimata. Qal li jaf li huwa kien gie ngaggat fuq '*metal & mechanic duties'*, fejn sqtarr li l-Appellant huwa bniedem tas-sengha.

Ix-xhud irrakonta kif darba waqt li ibnu kien imsiefer, huwa mar fuq il-lant tax-xoghol u sab lill-Appellant jaghmel xoghol konness mall-*boat* privata tieghu.
Meta staqsih dwar dan, ix-xhud qal li l-Appellant kien wiegbu li din kienet emergenza. Ix-xhud qal li kien qallu li din ma kinitx offiza gravi.
Meta ibnu gie lura mis-safar, ix-xhud qal li kien irrakkuntalu kollox. Ix-xhud spjega li f'post tax-xoghol zghir fejn hemm 4 / 5 impjegati, jekk wiehed jiskarta ikun ifisser kwart tal-haddiema mhux funzjonabbli.
Wara x-xhud ghadda sabiex jaghti rendikont ta' meta l-Appellant kellu bzonn jaghmel operazzjoni. Qal li dan kien dahal lura wara numru ta' gimghat, fejn wara biss gurnata rega' telaq ghaliex qal li ma kienx qed ihossu tajjeb. Huwa rritona wara gimgha fejn wieghed li ma kienx ser jerga' jaghmel hekk. Ix-xhud qal li ghajr ghal meta kien fl-isptar, dawn l-assenzi ma kinux koperti b'certifikat mediku. Ix-xhud qal li minkejja twissijiet li dan ma setax jibqa ghaddej, l-Appellant baqa' jitlaq minn fuq ix-xoghol u dan minghajr ma javza.
Ix-xhud qal li l-Appellant kien ta' hjiel li huwa kellu problemi mall-mara. Ix-xhud kompla li darba, l-Apellant kien gab lit-tifel zghir tieghu fuq il-lant tax-xoghol, ghaliex skont l-Appellant il-mara tieghu telqitu mieghu.
Ix-xhud qal li huwa kien qallu li dan ma setax jaghmlu ghaliex l-ambjent tax-xoghol kien wiehed perikoluz ghal tifel zghir.
Ix-xhud qal li l-Appellant kien igib ruhu b'dan il-mod meta d-Direttur kien ikun imsiefer. Ix-xhud qal li darba wissieh li jekk ser ikompli b'dan l-atteggjament kien ser jitlef l-impieg. Ghal dan huwa kien iwiegeb li ser jibda jgib ruhu sew izda wara jerga' jinjora kollox, b'attitudni li jaghmel li jfettillu. Dan baqa' jaghmlu sakemm effettivament keccieh.
Ix-xhud spjega li l-Appellant lejn tmiem l-impjieg tieghu beda jgib ruhu stramb hafna, tant li meta keccieh l-Appellant kien qallu li huwa kien jaf li kien ser jaghmillu hekk ghaliex kien tkellem mall-mara tieghu fejn din kienet qaltlu li kienet ser tkellimhom sabiex ikeccuh.
Ix-xhud wara ta rendikont ta' l-incident li kien wassal ghat-tmiem tal-impjieg. Spjega li meta xi mpjegat kien ikollu bzonn ihalli l-post tax-xoghol dan kien javza minn qabel u jaghti r-raguni.
Qal li dakinhar l-Appellant kien qal lill-impjegat iehor li kellu qadja. Ix-xhud sahaq li dan l-attegament l-Appellant kien jaghmlu meta d-Direttur kien ikun imsiefer u x-xhud ma kienx ikun fuq il-lant tax-xoghol. Meta mistoqsi ghaliex kien telaq dakinhar, l-Appellant kien qal li kien mar jara l-avukat, tenna x-xhud.
Ix-xhud temm billi qal li huma xtaqu li l-Appellant jibqa' jahdem maghhom izda s-sitwazzjoni ma setghetx tibqa' tigi ttollerata. Qal li huwa kien wissieh diversi drabi kemm wahdu u anke quddiem haddiehor izda kien kollu inutli.

**David Tabone** xehed li ilu mpjegat mall-kumpanija madwar sentejn / tlett snin u jahdem fuq xoghol tal-*fibreglass / carpentry / spray* u f'Jannar inhatar *Manager*. Ix-xhud qal li jaf lill-Appellant bhala kollega fuq ix-xoghol fejn dan kien impjegat bhala *Mechanical Fitter.*

Ix-xhud spjega li huma kellhom l-ghodda hafifa u meta kienet tkun trid issir xi bicca xoghol li ma kellhomx ghodda ghalija kienet issir minn kuntrattur bhal per ezempju *bending t*a' hadid. Huwa kompla jispjega li meta titlesta bicca xoghol kien jigi *surveyor*. Dwar xiri ta' *parts* bhal xaftijiet, ix-xhud qal li dan kien isir minn George Smith.
Ix-xhud qal li l-impjegat spicca minn mall-kumpanija ghaliex gie mkecci. Ix-xhud kompla li darba George Smith l-*owner* tal-kumpanija kien qabad lill-Appellant jaghmel xoghol fuq *outboard* ta' dghajsa, li ma kinitx tal-kumpanija, fejn mid-diskors li ntqal urih li ma kienx ha pjacir. Ix-xhud qal li sa fejn jaf hu ma jafx b'xi hadd iehor li gieli dahhal xi haga privata tieghu fuq il-lant tax-xoghol.
Wara x-xhud ghadda sabiex jirrakonta kif darba l-Appellant kien gab lil ibnu fuq il-lant tax-xoghol. Huwa qal li t-tifel tal-Appellant kien rah u Steve Smith kien irrimarkalu dwar dan u hu (x-xhud) kien wiegbu sabiex jghid bl-oggezzjoni lil missieru (lill-Appellant). Ix-xhud wara ghadda ghall-incident fejn l-Appellant kien qallu li kien sejjer jillarga minn fuq ix-xoghol sabiex jattendi l-*Parents Day* tat-tifel. Ix-xhud qal li kien qallu sabiex icempel lil George Smith u jinfurmah. Ix-xhud kompla li wara xi hin gie fuq ix-xoghol Smith u staqsih fejn kien l-Appellant, ix-xhud qallu fejn mar u qallu ukoll li l-Appellant kellu jcempillu. Ix-xhud qal li ra lil Smith ikellem lill-Appellant fil-karozza, fejn wara l-Appellant qal lix-xhud li Smith kien keccieh.
Dwar Victoria l-ex *girlfriend* tal-Appellant qal li qatt ma raha fuq il-lant tax-xoghol u kien raha waqt li kien iltaqa' maghhom barra l-post tax-xoghol.
Fir-rigward tar-ritorn fuq ix-xoghol tal-Appellant wara li dan kien ghamel operazzjoni tal-*hernia*, x-xhud wiegeb li sa fejn jaf hu dan dahal mis-*sick leave* ghax ried hu wara xi xahar.

**Joseph Sultana** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa kien jahdem mall-kumpanija minn Jannar 2013 sa Gunju 2016, bhala *electrician*, pero' meta x-xoghol kien ikun hafif gieli ghamel ukoll xoghol fil-pjanci u njam. Huwa spjega li d-direzzjoni tax-xoghol kienet tkun f'idejn Steve Smith. Ix-xhud qal li l-Appellant kien *fitter* u qal li jaf li ilu wieqaf mill-kumpanija mas-sentejn. Ix-xhud qal li l-Appellant kien twaqqaf mix-xoghol ghaliex l-imghallem ma kienx sabu fuq ix-xoghol ghaliex kien ha lil ibnu *parent's day*. Ix-xhud qal li l-Appellant qabel telaq kien ipprova jcempel lil George Smith izda dan ma rrispondihx u x'hin sarlu l-hin telaq. Ix-xhud qal li qabel telaq l-Appellant kien qal lilu u lil David Tabone li kien sejjer *parent's day*.

Dwar Victoria, x-xhud qal li jaf li kienet l-ex mara tal-Appellant u qal li kien ra darba fit-tieg tat-tifel tieghu. Huwa kompla li l-Appellant kien qallu li ma kienx ghadu maghha u li darba kien semmielu li hi kienet tohrog ma' Steve Smith tiehu xi *drink* fil-Black Gold Saloon.

Ix-xhud spjega li meta kien ikun hemm hafna xoghol gieli kellhom *stop-leave*. Ix-xhud wara ta dettalji t'episodju fejn l-Appellant ried jixtri *welding screen* ghaliex kienet inkisret u Steve Smith b'ton arroganti kien wiegbu li ma riedx jixtrijilu. Ix-xhud iddeskriva li meta x-xoghol jigi tajjeb Smith kien ifahhrek u meta tigi d-daqqa itijilek. Ix-xhud qal li bhala paga mhux dejjem kienet tinghata fil-hin.

**George Borg** l-Appellant xehed fit-tul kemm 'in persona' u anke permezz t' affidavit. Ix-xhud spjega li minkejja li l-grad li kellu mas-Socjeta' ntimata kien dak ta' *Mechanical Fitter* huwa kien flessibbli jaghmel dak li kien ikun hemm bzonn ghaliex kellu esperjenzi ta' xoghol varji. Ix-xhud qal li huwa kien impjegat tlett darbiet mall-kumpanija, bl-ewwel darba tkun fl-2007 meta l-kumpanija kien jisimha GS Special Vehicles, bl-*employer* ikun George Smith. Ix-xhud qal li huwa kien rega' gie mpjegat ma' Smith meta l-kumpanija saret Ultimate Technologies l-ewwel bejn l-2011-12 u wara fl-2013 wara li kien tkellem ma' David Tabone.
Dwar il-fatt li kien hadem fuq magna ta' dghajsa privata tieghu, x-xhud qal li kien Tabone fil-kariga ta' *manager* li kien tah permess jaghmel din il-bicca xoghol ta' madwar hames minuti u li kullhadd kien jaghmel xi bicca xoghol privata fuq il-lant tax-xoghol. F'dan il-kuntest huwa semma li l-istess *manager* Tabone ghamel hafna xogholijiet privati.
Dwar l-operazzjoni ta' *hernia* li huwa kien ghamel, ix-xhud qal li dwar dan huwa kien avza lil George u Steve Smith minn xahar qabel, fejn kien gharrafhom li wara l-operazzjoni kien ser ikollu bzonn bejn erba' u sitt gimghat konvalexxenza. Ix-xhud kompla li wara xi gimghatejn li kien ghamel l-operazzjoni kienu jcemplulu kemm George u Steve u jghidulu sabiex jidhol ghax-xoghol ghaliex kellhom xoghol urgenti hafna, izda hu kien gharrafhom li ma kienx fi stat li jidhol ghaliex kellu xi punti ffjammati. Huwa qal li kien dahal lura ghax-xoghol wara xi erba' gimghat mill-operazzjoni, izda kellu jerga' jmur lejn id-dar ghaliex ma kienx fi stat li jahdem ghaliex kellu xi punti jnixxu. Dwar dan kien gharraf kemm lil Tabone l-*manager* u anke lil Joe Sultana. Ix-xhud qal li appena wasal id-dar kien cempel lit-tabib privat tieghu Dr. S. Anthony Ellul fejn dan kien iccertifikah '*sick',* ghal gimghatejn ohra.
Ix-xhud kompla li meta rritorna lura ghax-xoghol, allura sitt gimghat wara l-operazzjoni, kien kellmu George Smith u wissieh li jekk jiehu aktar *sick leave* kien ikeccieh. Ix-xhud sahaq li l-atteggament ta' George Smith kull meta kien ikun pprezentat b'certifikati tas-*sick leave* kien ikun dejjem irrabjat, bhal qiesu t-tehid ta' *sick leave* ma kienx dritt.
Dwar problemi personali li hu kellu mall-ex-siehba tieghu x-xhud qal li dawn il-problemi qatt ma kellhom effett fuq xoghol, anzi kien Steve Smith li gieli li wara l-*weekends* kien jirrakkonta li kien iltaqgha ma' din l-ex-siehba fil-Black Gold Saloon.

F’dan il-kuntest ix-xhud qal li waqt argument li kellu maghha fl-2013 din kienet qaltlu li ser taghmel minn kollox sabiex Smith ikeccieh mix-xoghol. Ix-xhud sahaq li dwar dawn il-problemi mhux veru li gieli gew xi persuni Russi jhedduh hdejn il-post tax-xoghol isuqu Mercedes.

Dwar li f’Awwissu 2013 kien ha lil ibnu fuq il-lant tax-xoghol, ix-xhud filwaqt li afferma li kien ghamel hekk, spjega li f’dak il-perjodu huwa u l-impjegati l-ohra kienu nghataw struzzjonijiet li ma setghux jiehdu *leave* ghaliex kellhom vettura li kienet trid titlesta b’mod urgenti. Ix-xhud spjega li f’dak il-perjodu omm ibnu kienet siefret u halliet it-tifel mieghu fejn b’mod normali kienet izzomulu ohtu. Pero’ f’dak il-jum partikolari din ma setghetx izommu u peress li kien ordnat li ma setax jiehu *leave* ma kellux ghazla ohra ghajr li jiehdu mieghu fuq ix-xoghol. Ix-xhud sahaq li dwar din is-sitwazzjoni kien gharraf lil Tabone l-*manager* jum qabel, fejn dan min-naha tieghu kien qallu ‘affarik x’taghmel’. Ix-xhud sahaq li apparti dakinhar, huwa qatt ma kien ha lil ibnu fuq il-lant tax-xoghol.

Dwar l-incident ta’ meta huwa kellu bzonn jattendi l-iskola ta’ ibnu minhabba l-*parent’s day*, ix-xhud qal li huwa kellu jaghmel hekk peress li jum qabel omm it-tifel kienet infurmatu li hi ma setghetx tmur. Huwa qal li kien spjega din is-sitwazzjoni lil David Tabone u lil Joe Sultana fejn min-naha taghhom dawn qalulu sabiex jitkellem ma’ George Smith. Ix-xhud kompla li fil-jum propju kien ipprova diversi drabi sabiex jikkuntattja lil George Smith bit-telefon izda ma rnexxilux. Iffaccjat b’din is-sitwazzjoni, x-xhud qal li ma kellux ghazla ohra ghajr li jinforma lill-*Manager* Tabone u lil Sultana li kien ser jillarga ghal xi saghtejn sabiex imur l-iskola t’ibnu. F’dan il-kuntest ix-xhud sahaq li kieku George Smith kien prezenti dak il-hin il-permess sabiex imur ghall-*Parent’s Day* t’ibnu kien jitolbu lilu direttament. Ix-xhud qal li ghal xi l-11.00 kien cempillu George Smith u b’ton ta’ rabja kien qallu sabiex ma jidholx aktar ghax-xoghol ghaliex kien keccieh. Ix-xhud kompla li ftit minuti wara wasal fuq il-lant tax-xoghol, izda minkejja li kien kellem lil George Smith dan min-naha tieghu fi stat ta’ rabja baqa’ jinsisti li kien keccieh mill-impjieg, u dan minhabba *sick-leave* u ghaliex kien attenda l-*parents day* minghajr awtorizzazzjoni.

Dwar il-hsara li saret fuq hgiega ta’ vettura li kienet qed tigi mibnija fl-2014, ix-xhud qal li dan il-fatt kien veru, pero’ sahaq li huwa kien qal lil Steve Smith sabiex din il-hgiega ma titpoggiex fil-lok ghaliex kien ghad baqa’ xi jsir xoghol ta’ *welding* u *grinding*, liema xoghol kien jaghmlu hu (x-xhud stess). Fil-fatt, kompla x-xhud minkejja li kien ghatta din il-hgiega bhala prekwazjoni, xorta wahda saritilha xi hsara. Ix-xhud stqarr li huwa stess kien pogga lil Steve Smith konxju ta’ din il-hsara u li dan min-naha tieghu kien qallu li ma kienx hemm ghalfejn jinkwieta ghaliex wara kollox kienet decizjoni tieghu li l-hgiega titwahhal f’postha qabel xoghol li kien ghad irid isir.

Dwar xoghol ta’ ftit minuti li huwa ghamel fuq *gear-box* ta’ dghajsa privata tieghu, x-xhud qal li huwa kien informa lill-*manager* David Tabone dwar dan u huwa qallu sabiex ihaffef jaghmilha qabel jidhol George Smith. Gara izda li

dakinhar dan George dahal kmieni u meta ttenda li kien ghamel xi xoghol privat kull ma qallu kien sabiex darb'ohra jitlob permess. Huwa tenna li dan il-kaz sakemm dam impjegat maghhom qatt aktar ma ssemma ghajr f'dan il-process.
Ix-xhud temm ix-xhieda elaboruza tieghu billi nsista li sakemm kien ghadu mpjegat mas-socjeta' ntimata, huwa qatt ma rcieva xi twissija la verbali u l-anqas bil-miktub dwar xi nuqqasijiet relatati max-xoghol tieghu.

**Trevor Woodfine** xehed illi huwa kien jahdem ma' Steve Smith meta George Borg u hu kienu jahdmu ma' Ultimate Technology. Ix-xhud qal li huwa kien '*in charge'* mill-*Engineering Design*. Huwa qal li kien spicca minn mall-kumpanija fl-2012.
Ix-xhud qal li ma jiftakarx xi ncidenti li Steve Smith kellu ma' George Borg. Huwa kompla li l-ambjent tax-xoghol kien wiehed seren fejn kullhadd kien habib ta' kullhadd. Ix-xhud qal li jiftakar lil Norman David Tabone li kien jispecjalizza fix-xoghol tal-*fibreglass*. Kompla jispjega li minkejja li kull persuna kellha x-xoghol propju taghha, kienu flessibbli.
Dwar *'safety',* ix-xhud qal li fil-kuntest tax-xoghol li kien isir hadd qatt ma sofra xi *'injury'* serja. Dwar xoghol privat li kien isir fuq il-lant tax-xoghol, ix-xhud qal li kullhadd kien jghin jekk xi hadd ikollu xi problema bhal fil-karozza tieghu, pero' dan kien isir wara l-hin tax-xoghol.
Ix-xhud qal li huwa kien jaf lil Borg minn meta kienu jahdmu flimkien ma' GS Specialist Vehicles, u li f'xi zmien dan kien mar il-Brazil. Huwa tenna li huwa kien jahdem mas-Socjeta' ntimata bejn 2010-2012.
Ix-xhud qal li huwa ma jafx meta l-kumpanija ghalqet, izda qal li huwa kien irrizenja minn jeddu u minhabba ragunijiet personali.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. James D'Agostino** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata beda l-argumenti tieghu billi qal li dan il-kaz jittratta allegazzjoni ta' tkeccija ngusta, u sostna li ma jaqbel xejn li f'kazi simili ghandha tkun is-Socjeta' ntimata li tiggustifika ruhha tal-azzjoni li hadet izda ghandu jkun l-Appellant li qed jallega li jaghti ndikazzjoni ghalfejn iqis li tkeccija bhala ngusta.
Dr D'Agostino qal li min-nota ta' sottomissjonijiet tal-Appellant deher pjuttost mifxul, dan filwaqt li semma l-episodji li gew ittrattati matul dan il-process. Huwa rrefera ghal kaz tax-xoghol privat waqt il-hin tax-xoghol, fejn sostna li dwar dan ma kienx hemm permess, tant li Norman David Tabone qallu sabiex joqghod attent ghax jekk jinqabad jinqala' l-inkwiet. Dr D'agostino qal li dwar dan l-Appellant kien qala camata.
Wara Dr D'Agostino ghadda sabiex ittratta dwar il-kaz meta l-Appellant gab lill-ibnu fuq il-post tax-xoghol, fejn filwaqt li qal li jkun l-ewwel wiehed li jempatizza ma' bniedem li jkollu problema pero' l-fatt jibqa' li dan it-tifel ingieb f'ambjent

ta' xoghol fejn huwa seta' jkorri, u dan bir-riperkussjonijiet legali kollha li kienet tiffaccja l-kumpanija li kieku tali cirkostanza sehhet.
Dr D'Agostino wara ghadda ghall-kaz fejn l-Appellant illarga minn fuq il-lant tax-xoghol sabiex jattendi l-*Parent's Day* t'ibnu. L-avukat sostna li mpjegat jitlob permess minn qabel sabiex jassenti ruhu mix-xoghol, xi haga li l-impjegat m'ghamilhiex. Dr D'Agostino sahaq li l-Appellant seta' talab permess l-gurnata ta' qabel. Dr D'Agostino spjega li dan il-kaz irid jittiehed fil-perspettiva ta' kumpanija zghira li thaddem 5 impjegati, fejn allura l-illargar tal-Appellant kien ifisser 20% tal-*workforce*. Huwa tenna li dan kien jisfratta x-xoghol kompletament.
Dr D'Agostino ghalaq billi qal li huwa minnu li ma kienx hemm written warnings pero' ma jfissirx illi l-incidenti li jirrizulta ppruvati ma tistax tiehu azzjoni fuqhom. Dr D'Agostino tenna li filwaqt li l-kaz tal-*Parent's Day* kien dak li *broke the camel's back*, fejn ittiehdet l-azzjoni tat-tkeccija, pero' tali decizjoni giet skattata fil-perspettiva ta' numru t'incidenti f'perjodu qasir ta' sena u nofs. Incidenti, qal Dr D'Agostino li l-Appellant ma kkuntrarjahomx.

**Dr Marie Elise Agius** ghan-nom tal-Appellant bdiet billi brevement ghamlet referenza ghas-sottomssjonijiet li prattikament inkorporaw l-argumenti kollha dwar ghalfejn it-terminazzjoni kienet issarraf tkeccija ngusta.
Dr Agius qalet li s-Socjeta' ntimata ttantat tibni l-kaz taghha billi qalet li kienet hadet pacenzja bizzejjed bl-atteggament mhux accettabbli u fejn inghatat stampa li l-Appellant kien wiehed li abbuza kontinwament fuq medda ta' zmien qasir. Dr Agius qalet li dan jikkuntrasta mall-fatt li l-istess Appellant diga' kien impjegat maghhom drabi ohra qabel u fejn sahansidra anke ghamlulu ittra ta' rakkomandazzjoni tajba.
Dr Agius qalet li mhiex accettabbli li bhala gustifikazzjoni ghal tkeccija *Employer* jghid li ma felahx jissaporti izjed l-imgieba ta' l-impjegat, ma jsirux *written warnings* u wara episodju partikolari jaqbad u jkeccieh.
Hija qalet li f'dan il-kaz ittrattat, min-naha tal-kumpanija sostniet li kagun ta' xoghol hazin hija soffriet danni darba ta' elfejn ewro u ohra ta' ghaxart elef fix-xahar, pero' tul is-snin li ilu jigi ttarattat dan il-kaz ma ngibitx evidenza ta' dan.

F'dan il-kuntest Dr Agius sahqet li kien l-Appellant li sofra danni kagun tat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu. Terminazzjoni li skond Dr Agius kienet wahda mibnija fuq allegazzjonijiet li dwarhom l-Appellant kollha ta spjegazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Dan il-kaz jinkwadra esperjenza lavorattiva li damet 15 il-xahar u li ntemmet b'mod instantanju kagun t'incident partikolari. Fejn pero', skont l-*Employer* dan kien biss wiehed minn 'katina ta' nuqqasijiet' precedenti, fejn l-Appellant qabad

u llarga minn fuq il-lant tax-xoghol minghajr il-permess mehtieg. Precedentament ghal din l-esperjenza, l-Appellant kien impjegat drabi ohra ma' l-istess sidien. Giet ipprezentata ukoll kopja ta' rakkomandazzjoni maghmula minn Steve Smith fil-kapacita tieghu ta' *Managing Director*, u fejn jiddeskrivi lill-Appellant bhala '*a valued employee who is considered an asset to the company*'.

L-incidenti li saret enfasi fuqhom matul dan il-process u li wasslu sabiex tittiehed id-decizjoni li jigi mitmum l-impjieg kienu jirrelataw ma':

1. prestazzjoni lavorattiva ta' livell mhux accettabbli.
2. *sick leave* mhux certifikat relatat ma' *'hernia operation'* li kien ghamel l-Appellant.
3. il-presenza tat-tifel tal-Appellant fuq il-lant tax-xoghol.
4. xoghol privat maghmul waqt il-hin tax-xoghol.
5. illargar minn fuq il-lant tax-xoghol minghajr permess.

Dwar il-prestazzjoni lavorattiva, min-naha ta' l-*Employer* jinghad li kagun ta' xoghol mhux tajjeb il-kumpanija sofriet danni u fejn b'mod partikolari ssemmiet hsara li saret fuq hgiega ta' vettura li kienet qed tinbena. Min-naha ta' l-Appellant ikkonferma li saret tali hsara, fejn izda 'a dirittura' qal li huwa kien ta parir sabiex tali hgiega ma titwahhalx qabel isir xoghol ta' *grinding* u *welding*. U propju kien minhabba f'hekk li giet ikkagunata l-hsara fuq il-hgiega minkejja li l-Appellant qal li ha l-prekwazzjonijiet li seta' jiehu. Dwar dan l-incident l-Appellant qal li huwa qatt ma nghata l-ebda forma twissija. Dwar xi xoghol iehor li ssemma ma gewx relevati provi konkreti li jekk sar xoghol hazin dan kien attribwit ghal xi nuqqas min-naha tal-Appellant.

Dwar tehid ta' *Sick Leave* mhux certifikat relatat ma' *'hernia operation'* li kien ghamel l-Appellant, matul il-process huwa stess ipprezenta kopji tac-certifikati medici li jkopru l-perjodu riferut. Min-naha tal-*management* ma gewx ipprezentati l-ebda dokumenti li setghu taw hjiel ta' xi stanzi ohra fejn l-Appellant ha xi *sick leave* li ma kienx certifikat.

Dwar il-presenza tat-tifel tieghu fuq il-lant tax-xoghol, lok deskritt mill-*Management* bhala post perikoluz ghat-tfal, l-Appellant qal li din grat darba biss meta bhala mpjegati kienu bi *stop leave* u fi stat ta' emergenza ghalih. Dan ghaliex, jghid ix-xhud, meta l-*ex partner* tieghu kienet siefret u ohtu li normalment kienet izommu f'cirkostanzi simili ma kinitx disposta izommu u ma kellux ma' min ihallih. F'dan il-kuntest l-Appellant sostna li meta dan sehh, l-*Acting Manager* Tabone (li ukoll skont l-Appellant gieli gab lil uliedu fuq il-lant tax-xoghol, fejn sahansidra kienu jahslu l-karozza privata taghhom matul il-jum) ma kien qallu xejn. L-Appellant qal li dwar dan kien tkellem ma' George Smith, fejn fehmu c-cirkostanzi li minhabba fihom kien kostrett igib mieghu lit-tifel u l-istorja waqfet hemm minghajr l-ebda argumenti jew hrug ta' *warnings.*

Dwar xoghol maghmul waqt il-hin tax-xoghol, l-Appellant jghid li din kienet bicca xoghol zghira ta' hames minuti fuq parti mill-magna tad-dghajsa privata tieghu. L-Appellant qal li dwar din il-bicca xoghol kien informa lill-*Acting Manager* Tabone u dan min-naha tieghu kien qallu sabiex ihaffef jaghmilha qabel jidhol George Smith. L-Appellant filwaqt li rrijafferma li George Smith kien gibidlu l-attenzjoni dwar dan u qallu sabiex darb'ohra jitlob permess, pero' qatt ma qallu jew indikalu li kien qed jaghtih *warning*.

Dwar illargar minn fuq il-post tax-xoghol minghajr permess, filwaqt li min- naha tal-*Management* intqal li dan sehh diversi drabi, ssemmew biss zewg cirkostanzi. Wahda fejn inghad li l-Appellant warrab ghaliex kellu bzonn ikellem l-avukat tieghu u l-ohra meta mar jakkumpanja t-tifel ghall-*Parents Day*. L-Appellant filwaqt li cahad b'mod kategoriku li qatt sehh l-ewwel kaz, ta spjegazzjoni dettaljata ta' kif issuccieda t-tieni wiehed.

Fid-deliberazzjoni meqjusa tieghu tal-fatti kif gew sponuti f'dan il-process jirrizulta b'mod car ghat-Tribunal li filwaqt li l-episodji li jinkwadraw l-istanti riferuti fuq ma gewx michuda mill-Appellant, l-interpretazzjoni taghhom dwar x'verament sehh kienet kompletament kontrastanti. L-*Employer* jaghti verzjoni mod u l-Appellant verzjoni kompletament differenti.

Dwar l-ewwel tlett kazi riferuti, t-Tribunal ma jara l-ebda bazi li fuqha l-Appellant seta' jigi akkuzat b'xi nuqqas. B'mod partikolari dwar it-tielet kaz, it-Tribunal jinnota li dan sehh meta l-impjegati nkluz l-Appellant kienu fuq *stop leave*, sehh fil-presenza ta' l-*Acting Manager* Tabone u li dwaru kien ta spjegazzjoni ta' l-agir tieghu lil George Smith.

Dwar ir-raba' kaz, filwaqt illi dan it-Tribunal jaghraf li xoghol privat maghmul waqt u fuq il-lant tax-xoghol m'huwiex accettabbli jekk mhux bil-permess tal-*Management*, jinnota li fl-inkwadratura li fih sehh dan in-nuqqas min-naha tal-Appellant jattenwa mhux ftit il-livell ta' htija.

Dan meta jkun ikkunsidrat li s-superjur dirett tieghu u cjoe l-*Manager* David Tabone minflok ma waqqfu milli jaghmel dan ix-xoghol kif kien obbligat jaghmel, a dirittura heggu sabiex ifittex jaghmlu qabel jigi George Smith. Fir-rigward ta' dan l-episodju, l-Appellant jghid li dan Smith kull ma kien qallu kien sabiex darb'ohra jitlob permess minn qabel.

Dwar dawn il-kazi kollha filwaqt il-*Management* jinsisti li kien ta' twissijiet lill-Appellant, min-naha tal-Appellant konsistentament matul il-process qal li fl-ebda kaz ma gie mwissi, fejn se mai jghid li kien fir-raba' kaz biss li ngibditlu l-attenzjoni, izda mhux li gie mwissi.

F’dan il-kuntest dan it-Tribunal irid ifakkar li hemm distinzjoni netta bejn li tingibed l-attenzjoni dwar certi nuqqasijiet u twissijiet formali bhala mizura ta’ dixxiplina, kemm verbalment jew bil-miktub fir-rigward ta’ nuqqasijiet mwettqa. L-iskop ta’ twissijiet formali (possibilment, izda mhux necessarjament bil-miktub) huwa wiehed sabiex *Employer* juza biex jaghti cans lill-impjegat ibiddel ir-rotta u jekk jippersisti fin-nuqqasijiet tieghu jigu ndikati lilu l-konsegwenzi, nkluz it-terminazzjoni tal-impjieg.

Dwar il-hames kaz, it-Tribunal jinnota l-mod sommarju li bih ittiehdet id-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impieg min-naha tas-Socjeta’ ntimata, u dan minghajr ma l-Appellant inghata c-cans jaghti l-verzjoni tieghu. Dan it-Tribunal jaghraf li jezistu cirkostanzi fejn *Employer* jingieb f’cirkostanzi fejn tkeccija *on the spot* tkun gustifikata, izda certament din ma kinitx is-sitwazzjoni fil-kaz ittrattat.

- **Decizjoni**

Ta’ min jirreleva li t-Tribunal irid jiddeciedi jekk ir-raguni tat-terminazzjoni ta’ mpjieg tkunx tajba u sufficcjenti skond il-ligi u wara kollox li tkun tissodisfa l-gustizzja naturali.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gew esposti f’dan il-process, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant ma kinitx wahda gusta.

Skond il-provi li tressqu, l-Appellant kien ilu mpjegat mas-Socjeta’ ntimata madwar 15 il-xahar u jippossiedi kompetenzi lavorattivi tajbin u huwa *multiskilled*.

It-Tribunal jinnota li filwaqt li l-Appellant qal li ghamel madwar hmistax-il xahar disimpjegat, ma ta’ l-ebda prova ta’ x’ghamel biex jipprova jsib xoghol.

It-Tribunal jinnota ukoll li filwaqt li l-Appellant sostna li kien ghad baqalu jiehu xi pagamenti relatati mall-impjieg li kellu, din l-istqarrija ma gietx kontestata min-naha tas-Socjeta’ ntimata.

It-Tribunal jinnota ukoll li baqa’ snin mhux hazin sa ma l-istess Appellant jasal ghall-eta’ tal-pensjoni.

F’dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jiffissa l-kumpens dovut lill-Appellant fis-somma ta’ €10,000. Liema ammont irid jithallas mis-Socjeta’ ntimata fi zmien sitt gimghat mid-data ta’ din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta’ Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta’ min assista l-partijiet fl-ammont ta’ €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**